ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 97

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 52

16 ta' April 2009

Werrej

I *Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja*

REGOLAMENTI

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 305/2009 tal-15 ta' April 2009 li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix ........................ 1

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 306/2009 tal-15 ta' April 2009 li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur taz-zokkor, stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 945/2008 għas-sena tas-suq 2008/2009 ........................ 3

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 307/2009 tal-15 ta' April 2009 li jffissa d-dazji tal-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali applikabbli mis-16 ta' April 2009 ........................................ 5

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 308/2009 tal-15 ta' April 2009 li jemenda, għall-finijiet ta' adattament għall-progress xjentifiku u tekniku, l-Annessi IIIA u VI għar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar vjeġġi ta' skart** [1] ................. 8

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 309/2009 tal-15 ta' April 2009 l-għeluq tal-intervent tax-xiri (buying-in) tat-trab tal-ħalib xkumat bi prezz fiss sal-31 ta' Awwissu 2009 ......................... 12

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 310/2009 tal-15 ta' April 2009 li jiftaħ ix-xiri tat-trab tal-ħalib xkumat permezz ta' proċedura ta' sejħa għall-offerti għall-perjodu li jintemm fil-31 ta' Awwissu 2009 13

(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*



MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

## II *Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja*

### DEĊIŻJONIJIET

#### Il-Kummissjoni

2009/325/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta’ Novembru 2008 dwar l-Għajnuna mill-Istat Nru C 3/08 (eks NN 102/05) – Repubblika Ċeka rigward kumpensi tas-servizz pubbliku għal Southern Moravia Bus Companies** *(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 7032)* (1) ........................ 14

## III *Atti adottati skont it-Trattat tal-UE*

### ATTI ADOTTATI SKONT IT-TITOLU VI TAT-TRATTAT TAL-UE

★ **Dikjarazzjoni għall-finijiet tal-Artikolu 8(3) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI tas-26 ta’ Frar 2009 li temenda d-Deċiżjonijiet Qafas 2002/584/ĠAI, 2005/214/ĠAI, 2006/783/ĠAI, 2008/909/ĠAI u 2008/947/ĠAI, u b’hekk issaħħaħ id-drittijiet proċedurali ta’ persuni u trawwem l-applikazzjoni tal-prinċipju ta’ rikonoxximent reċiproku fir-rigward ta’ deċiżjonijiet mogħtija fl-assenza mill-kawża tal-persuna konċernata** ........................................ 26

### Corrigendum

★ **Rettifika għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 261/2008 tas-17 ta’ Marzu 2008 li jimponi dazju *antidumping* definittiv fuq l-importazzjonijiet ta’ ċerti kompressuri li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU L 81, 20.3.2008)** ........................................ 27

MT

(1) Test b’relevanza għaż-ŻEE

I

*(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 305/2009

### tal-15 ta' April 2009

### li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi ta' l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-16 ta' April 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 15 ta' April 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

*ANNESS*

**il-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz ([1]) | Valur fiss tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | JO | 93,2 |
| | MA | 78,8 |
| | TN | 137,2 |
| | TR | 109,4 |
| | ZZ | 104,7 |
| 0707 00 05 | MA | 51,1 |
| | TR | 150,4 |
| | ZZ | 100,8 |
| 0709 90 70 | MA | 54,2 |
| | TR | 102,2 |
| | ZZ | 78,2 |
| 0805 10 20 | EG | 45,2 |
| | IL | 62,1 |
| | MA | 40,2 |
| | TN | 47,5 |
| | TR | 69,3 |
| | ZZ | 52,9 |
| 0805 50 10 | TR | 47,7 |
| | ZZ | 47,7 |
| 0808 10 80 | AR | 85,8 |
| | BR | 74,3 |
| | CA | 89,6 |
| | CL | 73,7 |
| | CN | 80,7 |
| | MK | 22,1 |
| | NZ | 117,5 |
| | US | 130,0 |
| | UY | 40,3 |
| | ZA | 83,1 |
| | ZZ | 79,7 |
| 0808 20 50 | AR | 74,1 |
| | CL | 106,4 |
| | CN | 64,3 |
| | ZA | 93,2 |
| | ZZ | 84,5 |

([1]) In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 306/2009

## tal-15 ta' April 2009

## li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur taz-zokkor, stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 945/2008 għas-sena tas-suq 2008/2009

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 951/2006 tat-30 ta' Ġunju 2006 dwar regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-iskambji mal-pajjiżi terzi fis-settur taz-zokkor ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2), it-tieni subparagrafu, it-tieni sentenza tiegħu,

Billi:

(1) L-ammonti tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u ta' ċerti ġuleppijiet għas-sena tas-suq 2008/2009 ġew stabbiliti bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 945/2008 ([3]). Dawn ilprezzijiet u dazji ġew emendati l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 253/2009 ([4]).

(2) L-informazzjoni li l-Kummissjoni għandha f'idejha llum twassal biex dawn l-ammonti jiġu mmodifikati, skond ir-regoli ddettaljati pprovduti fir-Regolament (KE) Nru 951/2006,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-prezzijiet rappreżentattivi u d-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 36 tar-Regolament (KE) Nru 951/2006, stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 945/2008 għas-sena tas-suq 2008/2009, huma b'dan immodifikati skond l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-16 ta' April 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 15 ta' April 2009.

*Għall-Kummissjoni*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 178, 1.7.2006, p. 24.
([3]) ĠU L 258, 26.9.2008, p. 56.
([4]) ĠU L 80, 26.3.2009, p. 3.

*ANNESS*

**L-ammonti mmodifikati tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u tal-prodotti bil-kodiċi NM 1702 90 95, applikabbli mis-16 ta' April 2009**

*(EUR)*

| Kodiċi NM | Ammont tal-prezz rappreżentattiv għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat | Ammont tad-dazju addizzjonali għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat |
|---|---|---|
| 1701 11 10 (1) | 25,96 | 3,50 |
| 1701 11 90 (1) | 25,96 | 8,55 |
| 1701 12 10 (1) | 25,96 | 3,36 |
| 1701 12 90 (1) | 25,96 | 8,12 |
| 1701 91 00 (2) | 29,52 | 10,47 |
| 1701 99 10 (2) | 29,52 | 5,95 |
| 1701 99 90 (2) | 29,52 | 5,95 |
| 1702 90 95 (3) | 0,30 | 0,35 |

(1) Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness IV, il-punt III, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.
(2) Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness IV, il-punt II, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.
(3) Stabbilit bħala 1 % tal-kontenut f'sukrożju.

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 307/2009**

**tal-15 ta' April 2009**

**li jffissa d-dazji tal-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali applikabbli mis-16 ta' April 2009**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1249/96 tat-28 ta' Ġunju 1996 dwar regoli ta' applikazzjoni (dazju ta' importazzjoni fis-settur taċ-ċereali) għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(1) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 136(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jipprovdi li, għall-prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet tan-NM 1001 10 00, 1001 90 91, ex 1001 90 99 (qamħ durum ta' kwalità għolja), 1002, ex 1005 minbarra ż-żrieragħ ibridi, u ex 1007 minbarra l-ibridu għaż-żrigħ, id-dazju tal-importazzjoni huwa daqs il-prezz tal-intervent li jgħodd għal dawn il-prodotti fil-waqt tal-importazzjoni, biż-żieda ta' 55 % u bit-tnaqqis tal-prezz tal-importazzjoni CIF applikabbli għall-kunsenja kkonċernata. Madankollu, dan id-dazju ma jistax jaqbeż ir-rata ta' dazji fit-Tariffa Doganali Komuni.

(2) L-Artikolu 136(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jipprovdi li, għall-finijiet tal-kalkolu tad-dazju tal-importazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tal-Artikolu msemmi, għall-prodotti kkonċernati kull tant żmien jiġu stabbiliti prezzijiet rappreżentattivi CIF għall-importazzjoni.

(3) Skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96, il-prezz li għandu jintuża għall-kalkolu tad-dazju tal-importazzjoni tal-prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 1001 10 00, 1001 90 91, ex 1001 90 99 (qamħ durum ta' kwalità għolja), 1002 00, 1005 10 90, 1005 90 00 u 1007 00 90, huwa l-prezz rappreżentattiv tal-importazzjoni CIF tal-ġurnata stabbilit skont il-metodu pprovdut fl-Artikolu 4 tar-Regolament imsemmi.

(4) Jeħtieġ li jiġu stabbiliti d-dazji tal-importazzjoni għall-perjodu mis-16 ta' April 2009, applikabbli sakemm jidħlu fis-seħħ dazji tal-importazzjoni ġodda,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Mis-16 ta' April 2009, id-dazji tal-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali msemmija fl-Artikolu 136(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 huma stipulati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament abbażi tal-fatturi msemmija fl-Anness II.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-16 ta' April 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 15 ta' April 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

([2]) ĠU L 161, 29.6.1996, p. 125.

*ANNESS I*

**Dazji tal-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 136(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 applikabbli mit-2 ta' April 2009**

| Kodiċi NK | Isem tal-merkanziji | Dazju tal-importazzjoni [1] (EUR/t) |
|---|---|---|
| 1001 10 00 | QAMĦ iebes ta' kwalità għolja | 0,00 |
| | ta' kwalità medja | 0,00 |
| | ta' kwalità baxxa | 0,00 |
| 1001 90 91 | QAMĦ għaż-żrigħ | 0,00 |
| ex 1001 90 99 | QAMĦ komuni ta' kwalità għolja, minbarra dak li hu taż-żrigħ | 0,00 |
| 1002 00 00 | SEGALA | 40,96 |
| 1005 10 90 | QAMĦIRRUM għaż-żrigħ minbarra dak ibridu | 16,50 |
| 1005 90 00 | QAMĦIRRUM minbarra dak taż-żrigħ [2] | 16,50 |
| 1007 00 90 | SORGU f'żerriegħa minbarra dik ibrida taż-żrigħ | 40,96 |

[1] Għall-prodotti li jaslu fil-Komunità mill-Oċean Atlantiku jew mill-Kanal ta' Suez (l-Artikolu 2(4) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96) l-importatur jista' jibbenefika minn tnaqqis ta' dazju ta':

— EUR 3 kull tunnellata, jekk il-port fejn jsir il-ħatt jinsab fil-baħar Mediterran, jew ta'

— EUR 2 kull tunnellata, jekk il-port fejn isir il-ħatt jinsab fl-Irlanda, fir-Renju Unit, fid-Danimarka, fl-Estonja, fil-Latvja, fil-Litwanja, fil-Polonja, fil-Finlandja, fl-Iżvezja jew fuq il-kosta Atlantika tal-Peniżola Iberika.

[2] L-importatur jista' jibbenefika minn tnaqqis fiss ta' EUR 24 kull tunnellata jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2(5) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96 huma sodisfatti.

*ANNESS II*

**Fatturi għall-kalkolu tad-dazji fl-Anness I**

31.3.2009-14.4.2009

(1) Medji fuq il-perjodu ta’ referenza msemmi fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96:

*(EUR/t)*

| | Qamħ [1] | Qamħirrum | Qamħ iebes kwalità għolja | Qamħ iebes, kwalità medja [2] | Qamħ iebes kwalità baxxa [3] | Xgħir |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Borża | Minnéapolis | Chicago | — | — | — | — |
| Kwotazzjoni | 193,53 | 117,77 | — | — | — | — |
| Prezz *FOB* USA | — | — | 198,92 | 188,92 | 168,92 | 104,60 |
| Tariffa fuq il-Golf | — | 12,55 | — | — | — | — |
| Tariffa fuq l-Ghadajjar il-Kbar | 19,32 | — | — | — | — | — |

[1] Tariffa pożittiva ta’ EUR 14/t inkorporata [l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96].
[2] Tariffa negattiva ta’ EUR 10/t [l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96].
[3] Tariffa negattiva ta’ EUR 30/t [l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96].

(2) Medji fuq il-perjodu ta’ referenza msemmi fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96:

| | |
|---|---|
| Merkanzija/Spejjeż Il-Golf tal-Messiku–Rotterdam | 14,48 EUR/t |
| Merkanzija/Spejjeż L-Ghadajjar il-Kbar–Rotterdam: | 15,75 EUR/t |

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 308/2009

## tal-15 ta' April 2009

## li jemenda, għall-finijiet ta' adattament għall-progress xjentifiku u tekniku, l-Annessi IIIA u VI għar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar vjeġġi ta' skart

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar vjeġġi ta' skart ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 58(1) tiegħu,

Billi:

(1) Il-qbil li nltlaħaq fit-tmien laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet fil-Konvenzjoni ta' Basel dwar il-kontroll ta' Movimenti Transkonfinali ta' Skart Perikoluż u r-Rimi tiegħu, li saret mis-27 ta' Novembru sal-1 ta' Diċembru 2006, jesiġi emenda tal-Anness VI għar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 dwar vjeġġi ta' skart. L-emenda tikkonċerna s-sostituzzjoni ta' "kg" u "litru" b'"Tunnellati (Mg)" għat-total tal-kwantità ta' skart approvata minn qabel u tirriżulta f'konsistenza mal-unitajiet ipprovduti fl-Annessi IA, IB u VII għal dak ir-Regolament.

(2) Barra minn hekk l-Istati Membri, skont l-Artikolu 58(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006, fid-29 ta' Frar 2008, l-10 ta' Marzu 2008, is-17 ta' Marzu 2008 u d-29 ta' April 2008 ppreżentaw talbiet lill-Kummissjoni biex tikkunsidra t-taħlitiet ta' żewġ tipi ta' skart jew aktar elenkati fl-Anness III għall-inklużjoni fl-Anness IIIA.

(3) Il-korrispondenti, maħtura skont l-Artikolu 54 tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006, ftiehmu f'laqgħa li saret skont l-Artikolu 57 ta' dak ir-Regolament li jippreżentaw ma' kull talba għall-inklużjoni tat-taħlitiet fl-Anness IIIA ċertu tagħrif sabiex tkun tista' titwettaq valutazzjoni tat-taħlitiet konċernati. It-tagħrif kien soġġett għal valutazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1013/2006.

(4) Il-kunċett ta' ġestjoni ta' skart li ma tagħmilx ħsara lill-ambjent jinkludi l-użu ta' tekniki u teknoloġiji li kapaċi jnaqqsu l-ħsara ambjentali permezz ta' proċessi u materjali li jiġġeneraw anqas sustanzi li għandhom potenzjal ta' ħsara u jirkupraw dan it-tip ta' sustanzi mill-emissjonijiet qabel ir-rilaxx, jew jutilizzaw u jirriċiklaw ir-residwi tal-produzzjoni. Il-pajjiżi fejn tapplika d-Deċiżjoni tal-OECD għandhom l-obbligu li jiżguraw li l-faċilitajiet ta' rkupru tagħhom jużaw tekniki avvanzati għall-irkupru tal-iskart. Tekniki avvanzati ta' rkupru jkunu essenzjali meta t-taħlitiet ta' skart jinkludu skart eteroġenu bħal gagazza mill-ipproċessar ta' metalli prezzjużi u ram. Mhemmx garanzija li l-pajjiżi fejn ma tapplikax id-Deċiżjoni tal-OECD jilħqu dawn l-istandards. Għalhekk, it-taħlitiet ta' skart inklużi gagazzi mill-ipproċessar ta' metalli prezzjużi u ram li huma kklassifikati taħt (OECD) entrata GB040 fl-Anness IIIA ma għandhomx japplikaw għall-pajjiżi fejn id-Deċiżjoni OECD ma tapplikax.

(5) Għalhekk l-Annessi IIIA u VI għar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 għandhom jiġu emendati skont dan.

(6) Jista' jkun xieraq li l-lista tat-taħlitiet ta' skart tal-Anness IIIA tiġi riveduta, u b'mod partikolari l-entrati li mhumiex applikabbli għall-pajjiżi fejn id-Deċiżjoni tal-OECD ma tapplikax, b'kunsiderazzjoni għat-tagħrif riċevut minn dawn il-pajjiżi rigward il-kapaċità teknoloġika biex jirkupraw l-iskart kif ukoll il-ġestjoni tal-iskart li ma tagħmilx ħsara lill-ambjent.

(7) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 18 tad-Direttiva 2006/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Annessi IIIA u VI għar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 għandhom jinbidlu bit-test stabbilit fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

L-Anness IIIA għandu jiġi rivedut, jekk ikun xieraq, fi żmien 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari sabiex jitqies sew it-tagħrif riċevut mill-pajjiżi fejn id-Deċiżjoni tal-OECD ma tapplikax rigward il-kapaċità teknoloġika tagħhom biex jirkupraw l-iskart kif ukoll l-evidenza li l-ġestjoni tal-iskart titwettaq skont kundizzjonijiet ekwivalenti għal dawk fil-pajjiżi fejn id-Deċiżjoni tal-OECD tapplika.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 190, 12.7.2006, p. 1.

([2]) ĠU L 114, 27.4.2006, p. 9.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 15 ta' April 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Stavros DIMAS

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

(1) L-Anness IIIA għar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 għandu jinbidel b'dan li ġej:

*"ANNESS IIIA*

**TAĦLITIET TA' ŻEWĠ TIPI TA' SKART JEW AKTAR ELENKATI FL-ANNESS III U MHUX IKKLASSIFIKATI TAĦT ENTRATA WAĦDA KIF IMSEMMI FL-ARTIKOLU 3(2)**

1. Irrispettivament minn jekk it-taħlitiet jiġux inklużi jew le f'din il-lista, dawn ma jistgħux ikunu soġġetti għar-rekwiżiti ta' tagħrif ġenerali stipulati fl-Artikolu 18 jekk ikunu kkontaminati b'materjali oħra sal-punt li

(a) ikabbru r-riskji assoċjati mal-iskart b'mod suffiċjenti li jkun xieraq li huma jiġu sottoposti għall-proċedura ta' notifika u kunsens bil-miktub minn qabel, meta jitqiesu l-karatteristiċi perikolużi elenkati fl-Anness III għad-Direttiva tal-Kunsill 91/689/KEE; jew

(b) jipprevjenu l-irkupru tal-iskart b'mod li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent.

2. It-taħlitiet ta' skart li ġejjin huma inklużi fl-Anness:

(a) Taħlitiet ta' skart ikklassifikati taħt l-entrati B1010 u B1050 ta' Basel;

(b) Taħlitiet ta' skart ikklassifikati taħt l-entrati B1010 u B1070 ta' Basel;

(c) Taħlitiet ta' skart ikklassifikati taħt l-entrata GB040 (OECD) u taħt l-entrata B1100 ta' Basel ristretti għal żingu mhux pur u iebes, ħmieġ tal-metalli li fih iż-żingu, tneħħija ta' aluminju mill-wiċċ ta' likwidu (jew tneħħija mill-wiċċ ta' likwidu) li teskludi fdalijiet ta' melħ minn metall imdewweb u skart ta' kisi ta' refrattarji, li jinkludi griġjoli, li joriġina mit-tisħin u t-tidwib tar-ram sabiex jinkiseb minnu l-metall li jkun fih;

(d) Taħlitiet ta' skart ikklassifikati taħt l-entrata GB040 (OECD), taħt l-entrata B1070 ta' Basel u taħt l-entrata B1100 ta' Basel ristretti għal skart ta' kisi ta' refrattarji, li jinkludi griġjoli, li joriġina mit-tisħin u t-tidwib tar-ram sabiex jinkiseb minnu l-metall li jkun fih.

L-entrati msemmija fil-punti (c) u (d) ma għandhomx japplikaw għal esportazzjonijiet lejn pajjiżi fejn id-Deċiżjoni OECD ma tapplikax."

(2) L-Anness VI għar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 għandu jinbidel b'dan li ġej:

*"ANNESS VI*

**FORMOLA GĦALL-FAĊILITAJIET LI JKUNU APPROVATI MINN QABEL (L-ARTIKOLU 14)**

| Awtorità kompetenti | Faċilità ta' rkupru | | | | Identifikazzjoni tal-iskart | Perjodu tal-validità | | Total tal-kwantità approvata minn qabel |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Isem u numru tal-faċilità ta' rkupru | Indirizz | Operazzjoni ta' rkupru (kodiċi + R) | Teknoloġiji wżati | (Kodiċi) | Minn | Sa | (Tunnellati (Mg))" |
| | | | | | | | | |
| | | | | | | | | |
| | | | | | | | | |

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 309/2009**

**tal-15 ta' April 2009**

**l-għeluq tal-intervent tax-xiri (buying-in) tat-trab tal-ħalib xkumat bi prezz fiss sal-31 ta' Awwissu 2009**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 214/2001 tat-12 ta' Jannar 2001 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 rigward interventi fis-suq tat-trab tal-ħalib xkumat ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 9a(3) tiegħu,

Billi:

(1) Abbażi tal-komunikazzjonijiet imressqa mill-Istati Membri fil-15 ta' April 2009 skont l-Artikolu 9a(1) u (2) tar-Regolament (KE) Nru 214/2001, il-kwantità totali ta' trab tal-ħalib xkumat li ġie offrut għall-intervent bi prezz fiss mill-1 ta' Marzu 2009 qabeż il-limitu ta' 109 000 tunnellati stabbiliti bl-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007. Għalhekk, l-intervent tax-xiri ta' trab tal-ħalib xkumat bi prezz fiss għandu jkun magħluq sal-31 ta' Awwissu 2009, għandu jiġi ffissat persentaġġ waħdieni għall-kwantitajiet riċevuti mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fl-14 ta' April 2009 u l-offerti riċevuti mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fil-15 ta' April 2009 u wara, għandhom jiġu rrifjutati.

(2) Skont l-Artikolu 2(6) tar-Regolament (KE) Nru 214/2001 it-trab tal-ħalib xkumat offrut għall-intervent għandu jitqiegħed ġewwa basktijiet ta' piż nett ta' 25 kilogramma netta. Għalhekk, il-kwantitajiet ta' trab tal-ħalib xkumat li ġew immultiplikati bil-persentaġġ waħdieni għandhom jiġu aġġustati 'l isfel għall-eqreb multiplu ta' 25 kg.

(3) L-aġenziji ta' intervent għandhom jinnotifikaw lill-bejjiegħa malajr billi jsegwu l-pubblikazzjoni ta' [il-persentaġġ waħdieni u] l-għeluq ta' xiri bi prezz fiss. Għaldaqstant, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-istess jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea,*

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

B'dan qed jingħalaq l-intervent tax-xiri tat-trab tal-ħalib xkumat bi prezz fiss sal-31 ta' Awwissu 2009

Il-kwantità totali ta' offerti ta' trab tal-ħalib xkumat għall-intervent li ġiet riċevuta minn kull bejjiegħ mingħand l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri skont l-Artikolu 9a(2) tar-Regolament (KE) Nru 214/2001, fl-14 ta' April 2009 għandha tiġi aċċettata, immultiplikata bil-perċentwali waħdieni ta' 64,2749 % u wara aġġustata 'l isfel għall-eqreb multiplu ta' 25 Kg

L-offerti riċevuti mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fil-15 ta' April 2009 u wara, sal-31 ta' Awwissu 2009 għandhom jiġu rrifjutati.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 15 ta' April 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 37, 7.2.2001, p. 100.

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 310/2009

## tal-15 ta' April 2009

## li jiftaħ ix-xiri tat-trab tal-ħalib xkumat permezz ta' proċedura ta' sejħa għall-offerti għall-perjodu li jintemm fil-31 ta' Awwissu 2009

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 13(3) u 18(2)(e) flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 309/2009 ([2]) fil-15 ta' April 2009 għalaq ix-xiri ta' intervent tat-trab tal-ħalib xkumat bi prezz fiss miftuħ għall-perjodu mill-1 ta' Marzu sal-31 ta' Awwissu 2009 minħabba li l-offerti laħqu/qabżu l-kwantità ta' 109 000 tunnellata stipulata fl-Artikolu 13(1)(d) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

(2) Għandha tinfetaħ sejħa għall-offerti biex jissokta l-finanzjament tas-suq tat-trab tal-ħalib xkumat.

(3) L-Artikolu 13 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 214/2000 ([3]) jistipula regoli li għandhom ikunu segwiti meta l-Kummissjoni tiddeċiedi li x-xiri għandu jsir b'sejħa għall-offerti.

(4) Minħabba s-sitwazzjonji speċjali tas-suq tal-prodotti tal-ħalib u biex is-sistema tkun iktar effiċjenti, huwa xieraq li, b'deroga, il-frekwenza tas-sejħiet għall-offerti tiżdied għal darbtejn fix-xahar.

(5) Sabiex ix-xiri tat-trab tal-ħalib xkumat permezz ta' proċedura ta' sejħa tal-offerti jkun jista' jinbeda' mingħajr dewmien wara l-għeluq tax-xiri ta' intervent bi prezz fiss, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ mill-aktar fis possibbli.

(6) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ix-xiri tat-trab tal-ħalib xkumat permezz ta' proċedura ta' sejħa għall-offerti, li jaqbeż il-limitu stipulat fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, hija miftuħa sal-31 ta' Awwissu 2009, skont il-kundizzjonijiet ipprovduti fis-Sezzjoni 4 tal-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 214/2001 u f'dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

B'deroga mill-Artikolu 14(2) tar-Regolament (KE) Nru 214/2001, l-iskadenza għat-tressiq ta' offerti b'risposta għall-istediniet individwali għall-offerti hija l-11:00 (ħin ta' Brussell) fl-ewwel u t-tielet Tlieta tax-xahar.

Madankollu, f'Awwissu għandha tkun sal-11.00 (ħin ta' Brussell) fir-raba' Tlieta tax-xahar. F'każ li t-Tlieta tkun festa pubblika, l-iskadenza għandha tkun il-11:00 (ħin ta' Brussell) tal-jum tax-xogħol ta' qabel.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 15 ta' April 2009.

*Għall-Kummissjoni*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 97, 16.4.2009, p. 12.
([3]) ĠU L 37, 7.2.2001, p. 100.

II

*(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# DEĊIŻJONIJIET

# IL-KUMMISSJONI

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tas-26 ta' Novembru 2008**

**dwar l-Għajnuna mill-Istat Nru C 3/08 (eks NN 102/05) – Repubblika Ċeka rigward kumpensi tas-servizz pubbliku għal Southern Moravia Bus Companies**

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 7032)*

**(Il-verżjoni biċ-Ċek biss hija awtentika)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2009/325/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 88(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(1) (a) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 14 tiegħu,

Wara li talbet lill-partijiet interessati biex jippreżentaw il-kummenti tagħhom skont id-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq ([2]),

Billi:

### 1. PROĊEDURA

(1) Permezz ta' ittra datata t-28 ta' Ġunju 2005, il-Kummissjoni rċeviet ilment mill-kumpanija Ċeka ČAS – SERVICE minn issa 'l quddiem ("l-Ilmentatur"). L-ilment kellu x'jaqsam mal-għajnuna tal-Istat allegatament mogħtija lil diversi kompetituri tal-Ilmentatur mill-awtoritajiet reġjonali bejn l-2003 u l-2005.

(2) Permezz tal-ittri tal-20 ta' Lulju 2005, tal-14 ta' Marzu 2006 u tas-7 ta' Diċembru 2006, il-Kummissjoni talbet mingħand l-awtoritajiet Ċeki aktar informazzjoni rigward il-kwistjoni li tqajmet mill-Ilmentatur.

(3) L-awtoritajiet Ċeki wieġbu fl-14 ta' Settembru 2005, fit-2 ta' Ġunju 2006, fis-6 ta' Frar 2007 u fit-18 ta' Ottubru 2007.

(4) Permezz ta' ittra datata l-15 ta' Jannar 2008, il-Kummissjoni infurmat lill-awtoritajiet Ċeki dwar id-deċiżjoni tagħha li tagħti bidu għall-proċedura stipulata fl-Artikolu 88(2) tat-Trattat tal-KE fir-rigward tal-għajnuna. L-awtoritajiet Ċeki pprovdew il-kummenti tagħhom dwar l-għajnuna permezz ta' ittra datata t-18 ta' Frar 2008.

(5) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiftaħ il-proċedura ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fis-16 ta' Frar 2008 ([3]). Il-Kummissjoni talbet lill-partijiet interessati biex jippreżentaw il-kummenti tagħhom dwar l-għajnuna.

([1]) ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1.

([2]) ĠU C 43, 16.2.2008, p. 19.

([3]) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 2.

(6) Fl-14 ta' Marzu 2008, il-Kummissjoni rċeviet kummenti mingħand l-Ilmentatur bħala parti terza. Fis-17 ta' April 2008, dawn il-kummenti ġew ikkomunikati lill-awtoritajiet Ċeki, li ġew mitluba jikkummentaw fuq il-perspettiva tal-parti terza. Fit-13 ta' Mejju 2008, l-awtoritajiet Ċeki talbu estensjoni tad-data ta' skadenza għas-sottomissjoni tal-kummenti tagħhom, liema talba ġiet aċċettata mill-Kummissjoni. Fis-17 ta' Ġunju 2008, l-awtoritajiet Ċeki ssottomettew l-osservazzjonijiet tagħhom dwar il-kummenti tal-parti terza.

## 2. DESKRIZZJONI DETTALJATA

(7) L-Ilmentatur huwa kumpanija b'kapital azzjonarju, attiva fil-qasam tat-trasport regolari bil-karozzi tal-linja, tat-trasport b'kiri bi ftehim minn qabel (chartered transport), tat-trasport fil-belt bil-karozzi tal-linja fit-territorju ta' Znojmo u tat-trasport internazzjonali.

(8) Sa Settembru 2004, l-operat tat-trasport pubbliku reġjonali bil-karozza tal-linja fin-Nofsinhar tal-Moravja kien l-attività ewlenija tal-Ilmentatur, b'mod partikolari fuq il-bażi ta' kuntratti konklużi mal-awtoritajiet reġjonali. Is-servizzi kienu pprovduti fir-Reġjun tan-Nofsinhar tal-Moravja (Distretti ta' Znojmo u Moravsky Krumlov).

(9) L-Ilmentatur qed jallega li l-awtoritajiet tan-Nofsinhar tal-Moravja taw, fil-perijodu ta' bejn l-2003 u l-2005, għajnuna tal-Istat illegali lil Bítešská Dopravní Společnost s.r.o. ("Bítešská"), BK Bus s.r.o. ("BK Bus"), Břežanská dopravní společnost s.r.o. ("Břežanská společnost"), Znojemská dopravnì společnost - PSOTA s.r.o. ("PSOTA"), TREDOS, spol. s.r.o. ("TREDOS"). Dan bħala konsegwenza ta' għotja ta' liċenzji li la tkun waħda trasparenti u lanqas objettiva.

(10) Skont l-awtoritajiet Ċeki, il-liċenzja tikkostitwixxi permess mogħti mill-awtoritajiet sabiex iħaddmu servizz tat-trasport pubbliku regolari. L-għan tal-liċenzja huwa li tiggarantixxi li t-trasport bil-karozzi tal-linja jsir biss minn ġarriera li jissodisfaw ċerti rekwiżiti ta' kwalità. F'dan ir-rigward, skont il-Paragrafu 18 tal-Liġi Nru 111/1994 Coll. dwar it-trasport bit-triq (il-"Liġi dwar it-Trasport bit-Triq") ([4]) dawn ir-rekwiżiti jinkludu b'mod partikolari l-obbligu li jiġu pprovduti servizzi b'konformità mal-iskeda approvata ta' ħinijiet, li jkun żgurat ċertu livell ta' sigurtà għall-passiġġieri u li jiġu ppubblikati skedi ta' ħinijiet u li l-karozzi tal-linja jiġu mmarkati bl-ismijiet tal-linji.

(11) Id-dispożizzjoni tal-Paragrafu 19 tal-Liġi dwar it-Trasport bit-Triq tistipula li l-obbligu tas-servizz pubbliku huwa mifhum bħala "l-obbligu tal-ġarrier fl-interess pubbliku li inkella l-ġarrier ma jaċċettax kompletament jew parzjalment minħabba l-iżvantaġġ ekonomiku tiegħu. L-obbligu tas-servizz pubbliku huwa miftiehem mill-gvern mal-ġarrier u l-gvern għandu wkoll jagħmel tajjeb għat-telf imġarrab mill-ġarrier, liema telf ikun jista' jingħata prova tiegħu, meta dan jitwettaq. L-obbligu tas-servizz pubbliku jikkonsisti fl-obbligu tal-operat (…), l-obbligu tat-trasport (…), l-obbligu tat-tariffi (…). L-obbligu tas-servizz pubbliku fit-trasport tal-linja pubbliku jsir fuq il-bażi ta' kuntratt bil-miktub" (konkluż bejn l-awtoritajiet rilevanti u l-operatur) ([5]).

(12) Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet tal-Paragrafu 19 b (2) u (4) tal-Liġi dwar it-Trasport bit-Triq jistipulaw li "l-istima professjonali preliminari tat-telf li tkun ingħatat prova tiegħu għall-perijodu kollu li għalih ikun impost l-obbligu tas-servizz pubbliku, hija l-parti integrali mandatorja tal-kuntratt tal-obbligu tas-servizz pubbliku". L-awtoritajiet rilevanti "għandhom iħallsu t-telf li tkun ingħata prova tiegħu, fil-livell massimu ta' din l-istima professjonali preliminari miżjuda biss bi spejjeż mhux prevedibbli. (…) Jekk il-ġarrier jipprovdi wkoll servizzi ta' trasport barra l-obbligi tas-servizz pubbliku jew attivitajiet oħra, għandu jżomm kontijiet separati għall-obbligi tas-servizz pubbliku".

(13) Skont il-Paragrafu 19 b (5) tal-Liġi dwar it-Trasport bit-Triq "id-determinazzjoni tat-telf li tista' tingħata prova tiegħu, il-metodu ta' kalkolu tal-istima professjonali preliminari tat-telf li tista' tingħata prova tiegħu, ir-regoli għall-allokazzjoni ta' fondi mill-baġits rilevanti, id-dokumenti li għandhom jappoġġjaw il-kalkoli tat-telf li tista' tingħata prova tiegħu u l-metodu ta' eżerċizzju ta' monitoraġġ professjonali tal-gvern fuq l-iffinanzjar tas-servizzi tat-traffiku huma stipulati mir-regolament ta' implimentazzjoni." Dan ir-regolament – ir-Regolament 50/1998 tal-Ministeru tat-Trasport u l-Komunikazzjonijiet tat-13 ta' Marzu 1998 dwar it-telf li tista' tingħata prova tiegħu fit-trasport tal-linja pubbliku tal-passiġġieri ("ir-Regolament") – jiddefinixxi t-telf li tista' tingħata prova tiegħu fit-trasport tal-linja pubbliku tal-passiġġieri bħala: "id-differenza bejn it-total tal-ispejjeż ekonomikament sostanzjati u l-profitt adegwat u bejn l-irċevuti miksuba u d-dħul" (minn issa 'l quddiem "telf").

(14) Il-profitt adegwat huwa mifhum f'dan ir-Regolament bħala "l-ammont li – wara t-taxxa (…) – ma jaqbiżx 1/8 tal-prezz tal-karozzi tal-linja wżati normalment għat-trasport tal-linja pubbliku tal-passiġġieri li jipprovdu s-servizzi tat-traffiku billi jissodisfaw l-obbligu tas-servizz pubbliku mnaqqas mis-somma tad-deprezzament reali totali ta' dawn il-karozzi tal-linja u mill-ammont li jkun intnefaq f'investimenti relatati mal-operat tat-trasport tal-linja pubbliku tal-passiġġieri, kemm-il darba l-awtorità rilevanti tkun esprimiet l-approvazzjoni tagħha għall-investiment sabiex dan ikun inkorporat fil-kalkolu tat-telf li tista' tingħata prova tiegħu".

([4]) Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, ir-referenza qed issir għad-dispożizzjonijiet tal-Liġi fil-verżjoni applikata għal dan il-każ.

([5]) Fil-liġi Ċeka, il-kumpens għall-kuntratti tas-servizz pubbliku huwa ekwivalenti għal kunċett ta' telf li tista' tingħata prova tiegħu. Għal każ simili ta' dan, ara wkoll id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 495/07 – Repubblika Ċeka - Program pořízení a obnovy železničních kolejových vozidel (ĠU C 152, 18.6.2008, p. 21).

(15) B'effett mill-1 ta' Jannar 2003, l-awtoritajiet reġjonali, inklużi l-awtoritajiet tan-Nofsinhar tal-Moravja, saru responsabbli fir-Repubblika Ċeka għall-konklużjoni ta' kuntratti mal-operaturi tat-trasport sabiex dawn jipprovdu servizzi ta' trasport pubbliku. L-awtoritajiet tan-Nofsinhar tal-Moravja qabblu l-ispejjeż tal-provvediment tat-trasport pubbliku li ġarrab l-Ilmentatur mal-ispiża medja għall-operat tat-trasport bil-karozzi tal-linja fir-Repubblika Ċeka li nkisbet minn stħarriġ statistiku. Huma kkonkludew li l-prezzijiet tal-Ilmentatur kienu ogħla mill-prezz medju.

(16) Fl-24 ta' Marzu 2003, minħabba l-valutazzjoni msemmija hawn fuq u wara negozjati bla suċċess mal-Ilmentatur, l-awtoritajiet tar-Reġjun tan-Nofsinhar tal-Moravja ddeċidew li jibdew negozjati għall-provvediment tas-servizzi tat-trasport ma' operaturi oħrajn. Huma avviċinaw il-ġarriera magħrufa li joperaw fir-Reġjun tan-Nofsinhar tal-Moravja b'talba sabiex jissottomettu offerti għall-provvediment tas-servizzi tat-trasport pubbliku fit-territorju ta' Znojmo. L-istedina għas-sottomissjoni ta' offerti ntbagħtet lil 41 ġarrier inkluż lill-Ilmentatur. Din kienet tipprevedi li l-awtoritajiet reġjonali kienu lesti jħallsu lill-operaturi prezz ta' mhux aktar minn CZK 26 għal kull km għall-provvediment tas-servizz. Barra minn hekk, hija kienet tipprevedi rekwiżit li l-operaturi għandu jkollhom sistema ta' pproċessar elettroniku u jkunu f'pożizzjoni tajba mal-amministrazzjoni.

(17) L-awtoritajiet reġjonali rċevew risposti mingħand 9 ġarriera li sussegwentement kienu mistednin għal laqgħa mal-awtorità reġjonali. Kumitat tal-għażla maħtur mill-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar tal-Moravja vvaluta u kklassifika s-sejħiet għal offerti. Huwa rrakkomanda li l-kuntratti għall-provvediment ta' servizzi ta' trasport jiġu konklużi ma' 6 ġarriera, inkluż l-Ilmentatur, jiġifieri: Bítešská, BK Bus, Břežanská společnost, PSOTA, TREDOS u l-Ilmentatur (ČAS-Service a.s.).

(18) Il-kriterji kkunsidrati mill-kumitat tal-għażla fl-ivvalutar tas-sejħiet għal offerti kienu ċ-ċarezza u l-kompletezza. Barra dan, l-awtoritajiet tan-Nofsinhar tal-Moravja kkunsidraw ukoll fost l-oħrajn, il-kriterju li jkun minimizzat in-numru ta' kilometri operattivi tekniċi u l-koeżività tat-territorju magħżul.

(19) Skont l-awtoritajiet Ċeki, l-Ilmentatur kien ikkunsidrat li jissodisfa l-kriterji tal-għażla kundizzjonalment biss, għaliex hu ma speċifikax b'mod ċar il-prezz tal-operazzjoni tat-trasport tiegħu. Waqt laqgħat sussegwenti, l-Ilmentatur imbagħad fisser li ma setax jaċċetta kumpens bir-rata proposta mill-awtoritajiet tan-Nofsinhar tal-Moravja fl-istedina għal sejħiet għall-offerti.

(20) Konsegwentement, l-awtoritajiet reġjonali stabilixxew li l-Ilmentatur ma ssodisfax il-kundizzjonijiet tal-proċedura tal-għażla u li miegħu ma setax jiġi konkluż kuntratt biex jipprovdi servizzi tat-trasport pubbliku.

(21) Ġew konklużi kuntratti ma' dawk l-operaturi li aċċettaw li l-prezz massimu li għandu jitħallas biex ikun ipprovdut trasport pubbliku jkun jammonta għal CZK 26 għal kull km. Skont l-awtoritajiet Ċeki dan kien ifisser li kumpanija ġestita u mgħammra tajjeb bi spejjeż ta' CZK 23 959 għal kull km tirċievi profitt li jammonta għal CZK 2 041 għal kull km. L-ispiża ta' CZK 23 959 għal kull km inkisbet minn stħarriġ statistiku mwettaq skont l-Att Nru 89/1995 Coll. dwar is-Servizz Statistiku tal-Istat. Dawn l-istħarriġiet kienu jirreferu għall-provvediment ta' servizzi pubbliċi b'xarabank fit-territorju tar-Repubblika Ċeka għall-perjodu tal-2002.

(22) Il-prezz stmat għal kull km (mhux aktar minn CZK 26 għal kull km) kien speċifikat fil-kuntratt ma' kull operatur. Dan serva biex jistabbilixxi ammont ġenerali ta' dħul (prezz għal kull kilometru multiplikat bin-numru ta' kilometri) li jitħallas lil operatur talli jipprovdi s-servizzi. Minn dan l-ammont tnaqqas id-dħul attwali sabiex ikun iddefinit it-telf [6].

(23) L-operatur kellu jipprovdi lill-awtorità bi prova dokumentarja tad-dħul reali wara li jipprovdi s-servizzi. Huwa biss wara dan, li jkun stabbilit l-ammont finali ta' telf u li jsir il-ħlas tal-kumpens.

(24) Barra mir-rekwiżiti ġenerali previsti fil-Liġi dwar it-Trasport bit-Triq għall-ġarriera u abbażi tal-fatt li operaturi bħal dawn kellhom il-liċenzji, kull kuntratt stipula obbligi aktar speċifiċi għal kull operatur, jiġifieri l-obbligu li jipprovdi trasport fuq linji speċifiċi u f'ħinijiet definiti kif ukoll kundizzjonijiet għal emendi tal-kuntratti u penali fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mal-kuntratti.

(25) L-awtoritajiet Ċeki kienu informaw lill-Kummissjoni li wara l-2003 l-awtoritajiet tan-Nofsinhar tal-Moravja qablu li jikkonkludu aktar kuntratti biex jipprovdu servizzi tat-trasport mal-istess operaturi għall-2004 u għall-2005.

(26) L-awtoritajiet Ċeki rrikonoxxew li ma twettqet l-ebda proċedura speċifika bil-għan li jintgħażlu operaturi li jipprovdu servizzi ta' trasport fl-2004 u fl-2005.

(6) Skont il-leġiżlazzjoni Ċeka, it-telf huwa d-differenza bejn it-total tal-ispejjeż ekonomikament sostanzjati u l-profitt xieraq minn naħa, u l-irċevuti u d-dħul maqlugħa min-naħa l-oħra.

(27) It-tabella li ġejja tipprovdi dejta rigward l-ammonti ta' kumpens previsti fil-kuntratti għall-2004 (Tabella 1):

| Isem l-operatur | Data tal-kuntratt | Ammont massimu tal-kumpens previst fil-kuntratt |
|---|---|---|
| TREDOS | 21/01/2004<br>Modifikata<br>31/08/2004 | CZK 7 364 733<br><br>CZK 7 399 733 |
| BK Bus | 22/01/2004 | CZK 4 349 779 |
| Bítešská | 21/01/2004 | CZK 4 780 000 |
| PSOTA | 20/01/2004<br>Modifikata:<br>31/08/2004<br>17/09/2004 | CZK 18 924 849<br><br>CZK 18 956 769<br>CZK 18 979 733 |
| Břežanská společnost | 26/01/2004 | CZK 10 615 611 |

(28) Barra dan, il-kuntratti konklużi għall-2004 ittawlu għall-2005 (Tabella 2):

| Isem l-operatur | Data tal-kuntratt | Ammont massimu ta' kumpens previst fil-kuntratt |
|---|---|---|
| TREDOS | 04/03/2005<br>Modifikata:<br>31/03/2005 | CZK 11 457 527<br><br>CZK 11 593 799 |
| BK Bus | 04/03/2005 | CZK 5 244 124 |
| Bítešská | 04/03/2005 | CZK 6 000 000 |
| PSOTA | 04/03/2005 | CZK 20 999 640 |
| Břežanská společnost | 04/03/2005 | CZK 11 953 423 |

(29) Skont l-awtoritajiet Ċeki, fir-rigward tas-servizzi tat-trasport fir-Reġjun tan-Nofsinhar tal-Moravja, l-impriżi msemmija hawn fuq ma kisbu l-ebda finanzjament ieħor mill-Istat jew permezz ta' riżorsi tal-Istat matul l-2004-2005.

## 3. RAĠUNIJIET GĦALL-BIDU TA' PROĊEDURA

(30) Il-Kummissjoni ddeċidiet li tibda l-proċedura minħabba r-raġunijiet li jinsabu fil-premessi 31 sa 38.

### 3.1. Preżenza ta' għajnuna

(31) Il-Kummissjoni kellha dubji dwar jekk it-tielet kundizzjoni stabbilita fis-sentenza Altmark ([7]) ġietx issodisfata.

(32) Minħabba li l-kalkolu tal-kumpens sar abbażi tal-parametru stabbilit minn qabel (CZK 26 għal kull km) u r-remunerazzjoni finali kienet ibbażata fuq evidenza tat-telf li fil-fatt ikun sar, li ma jaqbiżx dak li kien previst fil-kuntratti, il-Kummissjoni kienet tal-fehma preliminari li l-ammont ta' kumpens ma setax jaqbeż it-telf reali. Barra dan, il-Kummissjoni kkunsidrat il-profitt inkluż fl-ammont ta' CZK 26 għal kull km bħala wieħed raġonevoli.

(33) Madankollu, il-Kummissjoni esprimiet dubji dwar il-kunċett ta' spiża mhux prevedibbli fil-leġiżlazzjoni Ċeka, li tista' sservi bħala ġustifikazzjoni għal żieda straordinarja tal-limitu għall-kumpens.

(34) Barra dan, il-Kummissjoni kkonkludiet li lanqas ir-raba' kundizzjoni stabbilita fis-sentenza Altmark ma ġiet issodisfata. Il-Kummissjoni kkunsidrat li l-proċedura applikata mill-awtoritajiet Ċeki ma setgħetx tkun ikkunsidrata proċedura ta' akkwist pubbliku jew proċedura li tiżgura li l-livell ta' kumpens kien iddeterminat abbażi ta' analiżi tal-ispejjeż li kien ikollha impriża tipika, immexxija tajjeb u pprovduta sewwa bil-mezzi tat-trasport, kif meħtieġ mis-sentenza Altmark.

(35) Konsegwentement, il-Kummissjoni kkunsidrat li ma kien hemm ebda evidenza ċara biex tingħata prova li l-kumpens ma tax vantaġġ selettiv u għaldaqstant, minħabba li l-kundizzjonijiet l-oħrajn tal-Art. 87 (1) tat-Trattat tal-KE ġew issodisfati, l-għajnuna mill-Istat kienet fit-tifsira ta' din id-dispożizzjoni.

### 3.2. Kompatibbiltà

(36) Il-Kummissjoni nnotat li l-kompatibbiltà ta' għajnuna mill-Istat bħal din mas-suq komuni għandha tkun ivvalutata fid-dawl tal-prinċipji ġenerali li jirriżultaw mit-Trattat tal-KE, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti tal-Prim'Istanza u l-prattika ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni f'oqsma oħrajn barra t-trasport pubbliku ([8]).

([7]) Sentenza tal-Qorti tal-24 ta' Lulju 2003, C-280/00 *Altmark Trans GmbH u Regierungspräsidium Magdeburg v Nahverkehrsgesellschaft Altmark GmbH, u Oberbundesanwalt beim Bundesverwaltungsgericht* (2003) E.C.R. I-07747, il-punti 88 sa 93.

([8]) Ara d-deiżjonijiet tal-Kummissjoni: C 16/07 – L-Awstrija – Appoġġ pubbliku għall-*Postbus* fid-distrett ta' *Lienz* (ĠU C 162, 14.7.2007, p. 19), C 31/07 – L-Irlanda –Ghajnuna mill-Istat lil Córas Iompair Éireann Bus Companies (Dublin Bus u Irish Bus) (ĠU C 217, 15.9.2007, p. 44); C 47/07 – Il-Ġermanja – DB Regio AG – Kuntratt ta' servizz pubbliku (ĠU C 35, 8.2.2008, p. 13); C 41/08 – Id-Danimarka – Kuntratt ta' servizz pubbliku bejn il-Ministeru tat-Trasport u d-Danske Statsbaner (għadha ma ġietx ippubblikata).

(37) Wara li eżaminat l-informazzjoni disponibbli, il-Kummissjoni kkunsidrat li f'dan il-każ kien hemm konformità mal-prinċipji ġenerali li jirregolaw il-valutazzjoni tal-kompatibbiltà tal-għajnuna. Il-pre-stabbiliment fil-proċedura ta' għażla tal-prezz massimu għall-kumpens abbażi ta' analiżi statistika nazzjonali ggarantixxa n-nuqqas ta' kumpens eċċessiv lill-operaturi.

(38) Madankollu, minħabba li f'dan il-każ partikolari ma kien hemm l-ebda proċedura pubblika ta' sejħa għal offerti u l-Ilmentatur jgħid li Bítešská, BK Bus, Břežanská společnost, PSOTA, TREDOS irċevew għajnuna illegali mill-Istat, il-Kummissjoni kkunsidrat li hija kellha tagħti l-opportunità lill-Ilmentatur u lil partijiet terzi biex jikkummentaw dwar il-metodoloġija applikata biex ikun stabbilit l-ammont ta' kumpens mill-awtoritajiet tan-Nofsinhar tal-Moravja, qabel ma tkun tista' tikkonkludi b'ċertezza li l-għajnuna hija kompatibbli mal-Art. 73 tat-Trattat tal-KE minħabba l-Art. 14 tar-Regolament (KE) Nru 659/1999.

## 4. KUMMENTI MILL-AWTORITAJIET ĊEKI

(39) Ir-Repubblika Ċeka ddikjarat li l-kunċett ta' spejjeż mhux prevedibbli huwa regolat mil-Liġi dwar it-Trasport bit-Triq fir-rigward tal-istima esperta preliminari tat-telf muri għall-perijodu kollu li għalih ikun ġie konkluż il-kuntratt ta' obbligu ta' servizz pubbliku. Din l-istima, li hija ppreżentata mill-ġarrier, tifforma parti mandatorja mill-kuntratt tas-servizz pubbliku.

(40) It-Taqsima 19b (3) ta' dik il-liġi tistipula li r-reġjun għandu sussegwentement jirrifondi t-telf muri sa ammont li ma jaqbiżx l-istima esperta, miżjud biss bi spejjeż mhux prevedibbli murija. Madankollu, il-Liġi dwar it-Trasport bit-Triq ma tipprovdix definizzjoni aktar dettaljata ta' spejjeż mhux prevedibbli murija u definizzjoni ta' dan il-kunċett titħalla f'idejn ix-xerrejja individwali tas-servizzi tat-trasport.

(41) Ir-Repubblika Ċeka fakkret li l-kuntratti tas-servizz pubbliku konklużi mir-reġjun tan-Nofsinhar tal-Moravja stipulaw stima preliminarja ta' telf. Jekk l-ammont tat-telf reali muri għall-perjodu inkwistjoni kien ogħla mill-istima esperta preliminari ta' telf muri, ir-Reġjun tan-Nofsinhar tal-Moravja rrimborżat it-telf muri biss sal-ammont tal-istima esperta preliminari. F'dan il-kuntest, ir-riskju ta' spejjeż reali ogħla u dħul reali aktar baxx fir-rigward tal-istima preliminari ta' telf muri ġġarrab mill-operaturi, bl-eċċezzjoni ta' spejjeż mhux prevedibbli li tkun ingħatat prova tagħhom.

(42) Il-kunċett ta' spejjeż mhux prevedibbli ġie stabbilit b'dettall akbar fil-kuntratti tas-servizz pubbliku mir-Reġjun tan-Nofsinhar tal-Moravja mal-operaturi individwali tat-trasport. L-ispejjeż mhux prevedibbli jirreferu għal sitwazzjonijiet li huma indipendenti mill-maniġment tal-kumpanija bħal diżastri naturali, interventi fil-prezz mill-Istat, devjazzjonijiet jew bidliet fid-dazji doganali, VAT, eċċ. ir-Repubblika Ċeka pprovdiet lill-Kummissjoni bis-siltiet relevanti fil-kuntratti tas-servizz pubbliku.

## 5. KUMMENTI MINN PARTIJIET TERZI U OSSERVAZZJONIJIET MILL-AWTORITAJIET ĊEKI

(43) L-Ilmentatur kien l-unika parti terza li ppreżenta kummenti wara d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tibda l-proċedura.

(44) Il-kummenti tal-ilmentatur kienu dwar l-aspetti li ġejjin:

— l-allegazzjoni li t-trasport ikkonċernat ma kienx ikkummissjonat bħala kuntratti tas-servizz pubbliku iżda fi ħdan il-kunċett ta' obbligu ta' servizz pubbliku li jirriżulta mil-Liġi dwar it-Trasport bit-Triq,

— l-allegazzjoni li f'dan il-każ kellha tkun applikata s-Sentenza Altmark,

— l-oppożizzjoni kontra li l-ammont ta' CZK 26 għal kull km ikun ikkunsidrat bħala l-prezz massimu tal-operazzjoni tat-trasport għall-iddeterminar tal-kumpens. L-Ilmentatur fil-fatt ikkunsidra li dan l-ammont huwa pjuttost biss parti tal-istima esperta preliminari skont liema t-telf li tista' tingħata prova tiegħu għandu jkun ikkumpensat lill-ġarrier f'konformità mal-Att dwar it-Trasport bit-Triq,

— l-allegazzjoni li l-kundizzjonijiet lokali tal-operazzjonijiet tat-trasport pubbliku bi skeda ma kinux ikkunsidrati meta kien stabbilit il-prezz imħallas għall-provvediment ta' operazzjonijiet ta' trasport li jammonta għal CZK 26 għal kull km. Kieku dawn il-kundizzjonijiet lokali ġew ikkunsidrati, kien jirriżulta ammont ogħla,

— il-kumpens għal servizz pubbliku kien mezz kif il-ġarriera l-oħrajn jissostitwixxu l-flotta tagħhom,

— il-Kummissjoni kellha tivvaluta l-ilment ukoll għall-perjodu qabel l-1 ta' Mejju 2004,

— l-allegazzjoni li l-kuntratti tas-servizz pubbliku wasslu għal sitwazzjoni ta' kompetizzjoni bejn trasport issussidjat u trasport mhux issussidjat li toħloq tfixkil tal-kompetizzjoni.

(45) Madankollu, l-Ilmentatur ma kkummentax fuq il-kunċett ta' spejjeż mhux prevedibbli. Hu lanqas ma kkummenta fuq il-fatt li l-pre-stabbiliment ta' prezz massimu għal kumpens ibbażat fuq l-analiżi statistika nazzjonali jista' jiggarantixxi n-nuqqas ta' kumpens eċċessiv għall-operaturi. Għall-kuntrarju, l-Ilmentatur argumenta li dan l-ammont ta' referenza ta' CZK 26 għal kull km ma kellux ikun ikkunsidrat mill-awtoritajiet Ċeki bħala prezz massimu għat-trasport.

(46) Għalhekk, il-kummenti tal-Ilmentatur ma kinux jikkonċernaw speċifikament id-dubji mfissra mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni biex tinbeda l-proċedura. Barra dan, ir-Repubblika Ċeka ppreżentat l-osservazzjonijiet tagħha lill-Kummissjoni dwar il-kummenti tal-Ilmentatur. Dawn l-osservazzjonijiet ikkonfermaw il-valutazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-kwistjonijiet speċifiċi mressqa mill-Ilmentatur.

(47) Konsegwentement, il-kummenti tal-Ilmentatur ma biddlux il-valutazzjoni legali tal-Kummissjoni żviluppata fid-deċiżjoni biex tinbeda l-proċedura.

## 6. VALUTAZZJONI LEGALI

### 6.1. Kompetenza tal-Kummissjoni biex teżamina miżuri mogħtija lil pajjiżi li aderixxew mal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004

(48) Id-dispożizzjonijiet tal-Anness IV, Kapitolu 3 tal-Att dwar l-Adeżjoni tal-2003 joħolqu qafas legali għal valutazzjoni ta' miżuri li ddaħħlu fis-seħħ mill-Istati Membri li aderixxew qabel l-adeżjoni tagħhom mal-UE u għadhom applikabbli wara l-adeżjoni.

(49) B'referenza partikolari għas-settur tat-trasport, id-dispożizzjonijiet tal-Anness IV jistipulaw li "skemi ta' għajnuna u għajnuna individwali (…)li daħlu fis-seħħ fi Stat Membru ġdid qabel id-data tal-adeżjoni u li għadhom applikabbli wara dik id-data, għandhom jitqiesu bħala għajnuna eżistenti skont it-tifsira tal-Artikolu 88 (1) tat-Trattat tal-KE soġġett għall-kundizzjoni li ġejja: il-miżuri ta' għajnuna għandhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni fi żmien erba' xhur mid-data tal-adeżjoni".

(50) Skont il-prattika stabbilita ta' deċiżjoni ([9]), "il-miżuri ta' għajnuna mogħtija qabel l-adeżjoni u mhux applikabbli wara l-adeżjoni ma jistgħux jiġu eżaminati mill-Kummissjoni kemm taħt il-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 88 tat-Trattat tal-KE kif ukoll taħt il-mekkaniżmu interim. Huma biss dawk il-miżuri li jistgħu jwasslu, wara l-adeżjoni, għall-għoti ta' għajnuna addizzjonali jew għal żieda fl-ammont ta' għajnuna diġà mogħtija, li jistgħu jikkwalifikaw bħala għajnuna eżistenti skont il-mekkaniżmu interim – jekk jissodisfaw il-kundizzjonijiet relevanti – u għalhekk huma soġġetti għalih. Min-naħa l-oħra, il-mekkaniżmu interim bl-ebda mod ma jorbot rigward miżuri ta' għajnuna li diġà kienu finalment u inkondizzjonament mogħtija għal ammont partikolari qabel l-adeżjoni. (…) [S]abiex ikun iddeterminat jekk dan huwiex il-każ, il-kriterju relevanti hu l-att li jorbot legalment li bih l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jintrabtu li jagħtu għajnuna. Jekk ma jeżisti l-ebda att bħal dan, il-miżura ma ngħatatx qabel l-adeżjoni u tikkostitwixxi għajnuna ġdida li l-kompatibbiltà tagħha mas-suq komuni hija vvalutata mill-Kummissjoni abbażi tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE. Miżura ġdida għandha tkun ivvalutata fil-waqt meta tingħata l-għajnuna; huwa l-impenn legali tal-istat li huwa sinonimu mal-għoti ta' għajnuna u mhux sempliċiment il-pagament tagħha. Kull pagament, attwali jew futur, taħt impenn legali hu att ta' implimentazzjoni sempliċi u ma jistax jitqies li huwa għajnuna ġdida jew addizzjonali. Għalhekk, il-Kummissjoni tikkunsidra li biex miżura tkun ikkunsidrata applikabbli wara l-adeżjoni għandu jintwera li hija soġġetta li tipproduċi wara l-adeżjoni, benefiċċju addizzjonali li ma kienx magħruf, jew li ma kienx magħruf b'mod preċiż, meta ngħatat l-għajnuna".

(51) Il-Kummissjoni l-ewwel tinnota li l-awtoritajiet Ċeki ma kkomunikawx il-kuntratti tat-Tabella 1 (li kollha daħlu fis-seħħ qabel l-1 ta' Mejju 2004) lill-Kummissjoni fil-qafas tal-proċedura stabbilita bl-Anness IV (3) tal-Att dwar l-Adeżjoni tal-2003.

(52) Barra dan, il-Kummissjoni tinnota li, meta titqies id-definizzjoni tal-ispejjeż mhux prevedibbli, kif spjegat wara d-deċiżjoni li tinbeda l-proċedura, il-miżuri setgħu jipproduċu benefiċċju addizzjonali mhux magħruf preċiżament meta ngħatat l-għajnuna.

(53) Bħala riżultat, il-kuntratti kollha elenkati fit-Tabella 1, safejn jinvolvu għajnuna mill-Istat, jikkonċernaw għajnuna mill-Istat applikabbli wara l-adeżjoni li mhijiex għajnuna eżistenti u li għaliha l-Kummissjoni hija kompetenti.

(54) Rigward il-kuntratti elenkati fit-Tabella 2, li kollha ġew konklużi wara l-1 ta' Mejju 2004, il-Kummissjoni hija kompetenti li tinvestiga.

### 6.2. Preżenza ta' għajnuna

(55) Skont l-Artikolu 87(1) tat-Trattat tal-KE, kull għajnuna mogħtija minn Stat Membru permezz ta' riżorsi tal-Istat ta' kwalunkwe forma li twassal għal tfixkil jew theddida ta' tfixkil għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew l-għoti ta' ċerti oġġetti għandha tkun inkompatibbli mas-suq komuni, diment li din tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, ħlief fejn hu previst mod ieħor fit-Trattat.

([9]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni C 3/05 – Il-Polonja – Għajnuna għar-ristrutturar tad-DAEWOO-FSO (ĠU C 100, 26.4.2005, p. 2, punti 40 sa 43).

6.2.1. *Riżorsi tal-Istat*

(56) Il-Kummissjoni tinnota li l-kumpensi tħallsu mill-awtoritajiet tan-Nofsinhar tal-Moravja mill-baġit pubbliku. Għalhekk, huma ngħataw permezz ta' riżorsi tal-Istat.

6.2.2. *Vantaġġ ekonomiku selettiv*

(57) Għandu jkun stabbilit jekk il-miżura troddx vantaġġ ekonomiku selettiv.

(58) Mis-sentenza Altmark jirriżulta li "fejn miżura tal-Istat għandha titqies bħala kumpens għal servizzi mogħtija mill-impriża riċevitriċi sabiex taqdi obbligi ta' servizz pubbliku, b'mod li dawk l-impriżi ma jgawdux minn vantaġġ finanzjarju reali u l-miżura b'hekk ma għandhiex l-effett li tpoġġihom f'pożizzjoni kompetittiva aktar favorevoli minn impriżi oħrajn li qed jikkompetu magħhom, miżura bħal din ma taqax taħt l-Artikolu 92(1) tat-Trattat. Madankollu, biex kumpens bħal dan ma jaqax taħt il-klassifikazzjoni ta' għajnuna mill-Istat f'każ partikolari, għandhom jiġu ssodisfati għadd ta' kondizzjonijiet" ([10]).

(59) L-ewwelnett, skont is-sentenza msemmija hawn fuq, għandu jiġi stabbilit jekk "l-impriża riċevitriċi hijiex fil-fatt meħtieġa taqdi obbligi ta' servizz pubbliku u (jekk) dawk l-obbligi kinux iddefiniti b'mod ċar".

(60) Il-Kummissjoni ma qajmitx dubji rigward jekk din il-kundizzjoni ġietx issodisfata fid-deċiżjoni tagħha biex tibda l-proċedura.

(61) Rigward dan ir-rekwiżit, il-Kummissjoni tinnota li l-Liġi dwar it-Trasport bit-Triq tipprovdi definizzjoni tal-obbligi ta' servizz pubbliku u tistabbilixxi li l-obbligu ta' servizz pubbliku fit-trasport pubbliku tal-linja jirriżulta abbażi ta' kuntratt bil-miktub magħmul bejn l-awtoritajiet u l-ġarrier. L-awtoritajiet Ċeki pprovdew lill-Kummissjoni bil-kopji tal-kuntratti u annessi sussegwenti konklużi mal-operaturi tat-trasport.

(62) Il-Kummissjoni nnotat ukoll li l-obbligu ta' servizz pubbliku kien iddefinit b'mod ċar u speċifiku fil-kuntratti, jiġifieri li l-links u l-perjodi li fihom kellhom ikunu pprovduti servizzi ta' trasport ġew iddefiniti b'mod ċar għal operaturi partikolari.

([10]) Sentenza C-280/00 Altmark, punti 87 u 88.

(63) It-tieninett, għandu jintwera li "il-parametri li abbażi tagħhom huwa kkalkulat il-kumpens kienu stabbiliti minn qabel b'mod oġġettiv u trasparenti".

(64) Il-Kummissjoni ma qajmitx dubji rigward is-sodisfazzjon ta' din il-kundizzjoni fid-deċiżjoni tagħha li tibda l-proċedura.

(65) Il-Kummissjoni nnotat li l-prezz massimu għas-servizzi tat-trasport kien stabbilit mill-awtoritajiet abbażi tal-kriterji indikati fil-Paragrafu 19b tal-Liġi dwar it-Trasport bit-Triq u tar-Regolament fil-livell ta' CZK 26 għal kull km. Dan il-prezz kien inkluż fl-istedina għall-offerti mibgħuta lill-operaturi kollha li kienu potenzjalment interessati fl-2003. Il-Kummissjoni nnotat li l-prezz kien stabbilit abbażi ta' dejta statistika.

(66) Għalhekk, il-prezz kien stabbilit minn qabel, jiġifieri qabel seħħet l-għażla tal-operaturi, b'mod oġġettiv u trasparenti. Il-parametru ma kienx immodifikat fl-annessi li sar qbil fuqhom wara l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka mal-Unjoni Ewropea.

(67) It-tielet kundizzjoni elenkata fis-sentenza Altmark hija li, "il-kumpens ma jaqbiżx dak li huwa meħtieġ biex ikopri fl-intier tagħhom jew parzjalment l-ispejjeż li jsiru fil-qadi tal-obbligi ta' servizz pubbliku, b'kont meħud tad-dħul relevanti u ta' profitt raġonevoli talli jinqdew dawn l-obbligi".

(68) Fid-deċiżjoni tagħha biex tibda l-proċedura, il-Kummissjoni nnotat li l-awtoritajiet reġjonali esprimew fis-sejħa għal offerti li l-prezz CZK 26 għal kull km huwa l-prezz massimu li kienu lesti jħallsu lill-ġarriera talli jipprovdu servizzi ta' trasport.

(69) Barra minn hekk, il-Kummissjoni nnutat ukoll li l-kuntratti kollha fihom stima tat-telf li l-operatur tax-xarabank partikolari jbati meta jipprovdi s-servizzi tat-trasport kif previst fil-kuntratt. L-istima tat-telf hija maħduma b'dan il-mod: L-ewwel, it-telf huwa kkalkulat għal xenarju li fih il-kumpanija tirċievi 26 CZK kull kilometru flimkien mad-dħul mill-biljetti mixtrija mill-passiġġieri. Imbagħad, it-telf huwa kkalkulat billi jitqies biss id-dħul mill-biljetti tal-passiġġieri. Il-prezz ta' 26 CZK kull kilometru jinkludi wkoll profitt raġonevoli kkalkulat fuq il-bażi ta' parametri oġġettivi stabbiliti fir-Regolament b'referenza għall-valur tal-assi tal-impriżi. Is-saldi finali u l-ħlasijiet ta' kumpens isiru biss ladarba l-operatur tax-xarabank partikolari jkun ipprovda prova dokumentata tat-telf attwali. Jekk it-telf attwali jkun anqas minn dak previst, jitħallas biss kumpens għat-telf attwali. Jekk it-telf ikun ogħla milli previst, il-livell massimu ta' kumpens ikun il-livell tal-istima preliminari. Żieda fuq dan il-livell massimu hija possibbli biss jekk jinqalgħu spejjeż li ma jkunux prevedibbli.

(70) Fir-rigward ta' dan l-aħħar kunċett li dwaru l-Kummissjoni tesprimi dubji fid-deċiżjoni tagħha biex jingħata bidu għall-proċedura, għandu jissemma' li l-kunċett ta' spejjeż li ma jkunux prevedibbli huwa rregolat mil-Liġi tat-Trasport bit-Triq. Dan il-kunċett huwa stipulat b'aktar dettall fil-kuntratti ta' servizzi pubbliċi konklużi fir-Reġjun tan-Nofsinhar tal-Moravja mal-operaturi tat-trasport individwali. L-ispejjeż mhux prevedibbli jirreferu għal sitwazzjonijiet li huma indipendenti mill-ġestjoni tal-kumpaniji bħalma huma d-diżastri naturali, l-indħil mill-Istat fejn jidħlu l-prezzijiet, it-trasferimenti u t-tibdil fit-taxxi tassisa, il-VAT, eċċ. L-operaturi jridu jissottomettu prova li dawn l-ispejjeż mhux prevedibbli jkunu verament jeżistu. L-eżistenza ta' din l-eċċezzjoni għall-prezz ta' trasport massimu ma tikkompromettix l-abbiltà tal-mekkaniżu ta' kumpens li jiżgura li l-kumpens ma jaqbiżx it-telf attwali ([11]).

(71) Għalhekk, billi l-kalkolu tal-kumpens sar fuq il-bażi tal-parametru stabbilit bil-quddiem, (CZK 26 kull kilometru) u billi r-remunerazzjoni finali kienet ibbażata fuq provi tal-eżistenza ta' telf, u għaldaqstant l-ispejjeż attwali sostnuti, inklużi l-ispejjeż mhux prevedibbli, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-ammont ta' kumpens ma setax jaqbeż it-telf attwali, u allura l-ispejjeż attwali. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tqis il-profitt ta' CZK 2 041 kull kilometru bħala wieħed raġonevoli billi dan jirrappreżenta marġni ta' 7,85 %.

(72) B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni li t-tielet kundizzjoni stipulata fis-sentenza Altmark hija ssodisfata.

(73) Fl-aħħar nett, is-sentenza Altmark tipprevedi li jekk "l-impriża, li tkun marbuta li twettaq obbligi ta' servizz pubbliku, ma tintgħażilx fi proċedura ta' akkwisti pubbliċi, il-livell ta' kumpens meħtieġ ikun ġie ddeterminat fuq il-bażi ta' analiżi tal-ispejjeż li impriża tipika b'ġestjoni effikaċi u pprovduta kif xieraq b'mezzi ta' trasport b'mod li tkun tista' tissodisfa r-rekwiżiti meħtieġa għall-forniment ta' servizz pubbliku, tkun batiet biex twettaq dawn l-obbligi, filwaqt li jitqiesu l-irċevuti rilevanti u livell ta' profitt raġonevoli għat-twettiq tal-obbligu".

(74) Il-Kummissjoni trid qabel xejn teżamina jekk il-proċedura applikata mill-awtoritajiet Ċeki tistax tiġi kkunsidrata bħala proċedura ta' akkwist pubbliku. Fid-deċiżjoni tagħha biex tniedi l-proċedura, il-Kummissjoni nnutat li r-Reġjun tan-Nofsinhar tal-Moravja kien qassam lill-ġarriera magħrufa fir-reġjun (li minnhom kien hemm 41) stedina biex jissottomettu offerti għall-forniment ta' servizzi tat-trasport fid-distrett ta' Znojmo.

(75) Għaldaqstant, il-proċedura eskludiet il-possibbiltà li operaturi minn reġjuni jew distretti oħra jkunu infurmati bil-proċedura u b'hekk ma setgħux jissottomettu l-offerti tagħhom. Barra minn hekk, din il-proċedura ħadmet kontra l-possibbiltà li ġarriera minn Stati Membri oħra setgħu jitqiesu fl-għażla tal-operatur għall-forniment tas-servizzi. Il-Kummissjoni nnutat ukoll li l-awtoritajiet Ċeki ma pprevedew l-ebda proċedura għall-għażla ta' ġarriera għal matul is-snin 2004-2005 iżda sempliċement tawlu l-kuntratti ma' dawk il-ġarriera li kienu ntgħażlu biex ifornu s-servizzi fl-2003.

(76) Dawn il-fatti jibqgħu validi. Għalhekk, il-Kummissjoni tista' tikkonkludi li l-proċedura applikata mill-awtoritajiet Ċeki ma tistax titqies bħala proċedura ta' akkwist pubbliku kif mitlub mis-sentenza Altmark.

(77) Din il-konklużjoni ma tippreġudikax il-pożizzjoni li l-Kummissjoni tista' tieħu dwar il-kompatibbiltà tal-miżuri rilevanti mar-regoli tal-akkwisti pubbliċi.

(78) Konsegwentement, il-Kummissjoni jkollha teżamina t-tieni alternattiva stipulata fir-raba' kundizzjoni tas-sentenza Altmark.

(79) Il-livell ta' kumpens irid jiġi ddeterminat fuq il-bażi ta' analiżi tal-ispejjeż ta' impriża tipika b'ġestjoni effikaċi u mgħammra kif jixraq, li għandha tkun alternattiva għall-analiżi tal-livell ta' kumpens stabbilit permezz tal-offerta. Kif imsemmi fid-deċiżjoni tat-tnedija tal-proċedura, skont l-awtoritajiet Ċeki, il-prezz kuntrattwali għas-servizzi kien ġie stabbilit fuq il-bażi ta' spejjeż statistiċi li kienu jfissru li impriża b'ġestjoni effikaċi u mgħammra kif jixraq li ġġarrab spejjeż li jammontaw għal CZK 23 959 (Eur 0,87) kull kilometru ddaħħal profitt ta' CZK 2 041 (Eur 0,08) kull kilometru.

(80) F'dan il-kuntest, l-ewwel nett il-Kummissjoni nnutat li l-użu tad-dejta statistika jimmira lejn l-iżgurar li l-prezz kien ġie stabbilit b'referenza għall-ispejjeż ta' impriża tipika.

(81) It-tieni, meta jiġi kkunsidrat li l-operaturi kollha li kienu qed jieħdu sehem fil-proċedura kellhom jiksbu liċenzja biex ikunu jistgħu jwettqu l-attività tagħhom, u riedu jissodisfaw ċerti rekwiżiti imposti fuqhom fl-istedina biex jissottomettu l-offerta tagħhom, riedu jkunu pprovduti b'mod xieraq b'mezzi ta' trasport biex setgħu jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' kwalità meħtieġa.

(82) Madankollu, kif imsemmi fid-deċiżjoni tat-tnedija tal-proċedura, l-użu tal-ispejjeż statistiċi ma jistax, *per se*, iwassal għal konklużjoni li l-operaturi li aċċettaw li jipprovdu s-servizzi għal CSK 26 kull kilometru kellhom jiġu kkunsidrati bħala ġarriera b'ġestjoni tajba. Id-dejta statistika li serviet bħala bażi għall-iffissar ta' dan l-ammont kienet tikkonċerna biss l-ispejjeż attwali tas-servizzi tat-trasport fir-Repubblika Ċeka għall-perijodu tal-2002. Għalhekk, ma teżisti l-ebda prova li l-medja ta' dawn l-ispejjeż tirrappreżenta l-ispejjeż ta' impriża effiċjenti. L-awtoritajiet Ċeki ma pprovdewx informazzjoni biżżejjed dwar dan il-punt, lanqas wara li kienet ittieħdet id-deċiżjoni biex titnieda l-proċedura.

([11]) Għandu jitfakkar li t-telf huwa d-differenza bejn it-total tal-ispejjeż ekonomikament sostanzjati u l-profitt xieraq minn naħa, u l-irċevuti u d-dħul maqlugħa min-naħa l-oħra.

(83) Għalhekk, billi r-rekwiżiti mit-tieni alternattiva tar-raba' kundizzjoni stipulata fis-sentenza Altmark, mhumiex kollha ssodisfati, il-Kummissjoni ma tistax tikkonkludi li l-proċedura applikata mill-awtoritajiet reġjonali tista' tiġi kkunsidrata bħala proċedura li tiżgura li l-livell ta' kumpens kien ugwali għal-livell li kellu jinkiseb fl-offerta pubblika bil-miftuħ.

(84) Fi kliem ieħor, il-Kummissjoni ma tistax teskludi li fl-offerta pubblika bil-miftuħ l-awtoritajiet reġjonali setgħu kienu jistgħu jsibu operaturi li jirrappreżentaw spejjeż aktar baxxi u konsegwentement li kienu lesti joffru li jipprovdu s-servizzi għal remunerazzjoni irħas. Barra dan, il-Kummissjoni ma tistax tikkonkludi li l-ammont ta' kumpens kien ġie ffissat fil-livell li jiggarantixxi li ma kien ingħata ebda vantaġġ lil ċerti operaturi.

(85) Għaldaqstant, il-Kummissjoni jidhrilha li l-kumpens ipprovda vantaġġ lil ċerti operaturi tat-trasport pubbliku. Konsegwentement, it-tieni kundizzjoni għall-applikazzjoni tal-Art. 87 (1) tat-Trattat tal-KE f'dan il-każ hija ssodisfata.

6.2.3. *Tgħawwiġ tal-kompetizzjoni u effett fuq il-kummerċ bejn L-Istati Membri*

(86) Fir-rigward ta' din il-kundizzjoni, jeħtieġ li jiġi vverifikat jekk il-vantaġġ mogħti mir-riżorsi tal-Istat jistax jgħawweġ il-kompetizzjoni sal-grad li jkun jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

(87) Fid-deċiżjoni tagħha biex tniedi l-proċedura, il-Kummissjoni nnutat f'dan ir-rigward li s-sentenza Altmark tipprovdi li: "Mhuwiex impossibbli li sussidju pubbliku mogħti lil impriża li tipprovdi biss servizzi ta' trasport lokali jew reġjonali u ma tipprovdi l-ebda servizz ta' trasport barra l-Istat ta' oriġini tagħha jista', minkejja dan, ikollu effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri. Meta Stat Membru jagħti sussidju pubbliku lil impriża, il-provvediment ta' servizzi ta' trasport minn dik l-impriża jista' għal dik ir-raġuni jiġi sostnut jew miżjud bir-riżultat li impriżi stabbiliti fi Stati Membri oħra jkollhom opportunità inqas li jipprovdu s-servizzi ta' transport tagħhom fis-suq ta' dak l-Istat Membru (ara, għall-fini ta' dan, il-Kawża 102/87 Franza v Il-Kummissjoni [1988] Ġabra 4067, il-paragrafu 19; il-Kawża C-305/89 L-Italja v Il-Kummissjoni [1991] Ġabra I-1603, il-paragrafu 26; u Spanja v Il-Kummissjoni, il-paragrafu 40). Fil-każ preżenti, dak ir-riżultat mhuwiex biss ipotetiku, billi, kif jidher b'mod partikolari mill-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni, mill-1995 'l quddiem, diversi Stati Membri bdew jifthu ċerti swieq tat-trasport għall-kompetizzjoni minn impriżi stabbiliti fi Stati Membri oħra, hekk li għadd ta' impriżi diġà qed joffru s-servizzi tat-trasport urbani, suburbani u reġjonali tagħhom fi Stati Membri li ma jinkludux l-Istat ta' oriġini tagħhom. Fl-aħħar nett, skont il-każistika tal-Qorti, ma jeżisti l-ebda limitu jew perċentwal li taħthom jista' jiġi kkunsidrat li l-kummerċ bejn l-Istati Membri mhux qed jiġi affettwat. L-ammont relattivament żgħir ta' għajnuna jew id-daqs relattivament ċkejken tal-impriża li tirċiviha ma jeskludux, *per se*, il-possibbiltà li l-kummerċ bejn l-Istati Membri jista' jiġi affettwat (ara Tubemeuse, il-paragrafu 43, u Spanja v Il-Kummissjoni, il-paragrafu 42). It-tieni kundizzjoni għall-applikazzjoni tal-Artikolu 92(1) tat-Trattat, jiġifieri li l-għajnuna trid tkun kapaċi taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri, ma tiddependix għalhekk mill-karattru lokali jew reġjonali tas-servizzi ta' trasport fornuti jew mill-iskala tal-qasam ta' attività konċernat" ([12]).

(88) B'hekk, il-Kummissjoni tasal għall-konklużjoni li l-kundizzjoni li l-għajnuna trid tfixkel il-kompetizzjoni u taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri hija ssodisfata fil-każ preżenti.

(89) Meta tqis il-kunsiderazzjonijiet imsemmija hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi wkoll li l-miżuri implimentati jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat fl-ambitu tat-tifsira tal-Artikolu 87 (1) tat-Trattat tal-KE.

6.3. **Kompatibbiltà tal-għajnuna**

(90) L-Artikolu 73 tat-Trattat tal-KE jipprevedi kundizzjonijiet ta' kompatibbiltà ta' għajnuna mogħtija fil-qasam ta' koordinazzjoni bejn it-trasport u l-obbligu ta' servizz pubbliku fis-settur tat-trasport. Dan l-Artikolu jikkostitwixxi *lex specialis* f'rabta mal-Art. 86(2), u l-Art. 87 (2) u (3) tat-Trattat tal-KE.

(91) Skont is-sentenza Altmark ([13]), l-Art. 73 tat-Trattat tal-KE ma jistax jiġi applikat direttament iżda biss bħala riżultat tar-Regolamenti tal-Kunsill, b'mod partikolari r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1191/69 tas-26 ta' Ġunju 1969 dwar azzjoni mill-Istati Membri dwar l-obbligi inerenti fil-kunċett ta' servizz pubbliku fit-trasport bil-ferrovija, bit-triq u bil-passaġġi interni tal-ilma ([14]).

(92) F'konformità mal-Art. 1 (1) tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69 dan l-Artikolu jista' jiġi applikat biss f'rabta ma' għajnuna mill-Istat mogħtija lil operaturi tat-trasport bil-ferrovija, bl-art u fil-passaġġi interni tal-ilma.

(93) Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jeskludu mill-ambitu ta' dan ir-Regolament kwalunkwe impriża li l-attivitajiet tagħha jkunu ristretti esklussivament għall-operazzjoni ta' servizzi urbani, suburbani u reġjonali.

(94) Fid-deċiżjoni tagħha tat-tnedija tal-proċedura, il-Kummissjoni nnutat diġà li l-awtoritajiet Ċeki ma għamlux eżenzjoni bħal din. Għaldaqstant, id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69 huma applikabbli.

([12]) Il-Kawża C-280/00, Altmark, il-punti 77 sa 82.
([13]) Il-Kawża C-280/00, Altmark, iċċitata hawn fuq.
([14]) ĠU L 156, 28.6.1969, p. 1.

(95) F'konformità mal-Art. 1 (4) tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69, sabiex jiġu żgurati servizzi ta' trasport xierqa, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jikkonkludu kuntratti ta' servizz pubbliku ma' impriża tat-trasport.

(96) L-Art. 14 tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69 jistipula li kuntratt ta' servizz pubbliku huwa kuntratt konkluż bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru u impriża tat-trasport sabiex jiġu pprovduti lill-pubbliku servizzi ta' trasport xierqa.

(97) Skont l-Art. 14 (2) tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69, kuntratt ta' servizz pubbliku għandu jkopri, *inter alia*, dawn il-punti li ġejjin:

(a) in-natura tas-servizz li jrid jiġi pprovdut, speċjalment l-istandards ta' kontinwità, regolarità, kapaċità u kwalità;

(b) il-prezz tas-servizzi koperti mill-kuntratt, li għandu jew jingħadd mad-dħul mit-tariffi jew inkella għandu jinkludi d-dħul, u dettalji dwar ir-relazzjonijiet finanzjarji bejn iż-żewġ partijiet;

(c) ir-regoli li jikkonċernaw emendi u modifiki tal-kuntratt, partikolarment biex jitqiesu t-tibdiliet mhux prevedibbli;

(d) il-perijodu ta' validità tal-kuntratt;

(e) il-penali fl-eventwalità ta' nuqqas ta' konformità mal-kuntratt.

(98) L-ewwelnett, kif diġà ntqal fid-Deċiżjoni tal-ftuħ tal-proċedura, il-Kummissjoni tinnota li skont il-Paragrafu 19 tal-Liġi dwar it-Trasport bit-Triq, "L-obbligu tas-servizz pubbliku fit-trasport tal-linja pubbliku jsir fuq il-bażi ta' kuntratt bil-miktub" bejn l-awtoritajiet rilevanti u l-operaturi. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li l-kundizzjonijiet tal-provvediment tas-servizzi tat-trasport ma kinux imposti mill-awtoritajiet iżda kienu nnegozjati u miftiehma bejn l-operaturi u l-awtoritajiet reġjonali. Għalhekk, il-Kummissjoni tasal għall-konklużjoni li minkejja l-formolazzjoni tal-Liġi dwar it-Trasport bit-Triq ("obbligu ta' servizz pubbliku"), id-dispożizzjonijiet tas-Sezzjoni V – "Kuntratti ta' servizz pubbliku" tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69 jistgħu jiġu applikati.

(99) It-tieni, il-Kummissjoni tinnota li n-natura tas-servizz kienet iddefinita fil-kuntratti kemm *expressis verbis* kif ukoll permezz ta' referenza għall-fatt li l-operaturi kellhom liċenzji sabiex jipprovdu servizzi ta' trasport pubbliku.

(100) It-tielet, il-kuntratti kienu jinkludu l-prezz għal kull km u l-ammont totali ta' remunerazzjoni li għandu jitħallas għall-provvediment tas-servizz.

(101) Ir-raba', il-kuntratti kienu jipprevedu l-kundizzjonijiet u l-proċedura għall-emenda tagħhom, il-perijodu ta' validità u l-penali f'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-kuntratt.

(102) Għalhekk, il-Kummissjoni tasal għall-konklużjoni li l-elementi bażiċi ta' kuntratt elenkati fid-dispożizzjoni tal-Artikolu 14 (2) tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69 kienu koperti mill-kuntratti konklużi ma' Bítešská, BK Bus, Břežanská společnost, PSOTA, TREDOS.

(103) Barra minn hekk, il-Kummissjoni l-ewwelnett tinnota li l-mira tal-leġiżlatur, meta adotta r-Regolament (KEE) Nru 1191/69, kienet li jiddefinixxi taħt liema kundizzjonijiet "għajnuna […] li tikkorrispondi għar-rimbors ta' ċerti obbligi inerenti fil-kunċett ta' servizzi pubbliċi" imsemmija fl-Artikolu 73 tat-Trattat hija kompatibbli mas-suq komuni. Kemm l-applikazzjoni tal-Artikolu 73 tat-Trattat kif ukoll l-applikazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69 jassumu minn qabel l-eżistenza ta' għajnuna fis-sens tal-Artikolu 87 (1) tat-Trattat. Jekk il-kontenut tal-kuntratti jista' jkun kopert mill-kunċett tal-Artikolu 73 "obbligi inerenti fil-kunċett ta' servizzi pubbliċi", il-forma tal-istrument, jiġifieri kuntratt jew obbligu impost min-naħa waħda, ma għandhiex tkun, fiha nnifisha, xkiel għad-dikjarazzjoni ta' għajnuna tal-Istat potenzjali inerenti fil-prezz tal-kuntratt kompatibbli mas-suq komuni. Anzi, l-element deċiżiv għall-kwalifika ta' servizz, kemm jekk hu impost minn Stat Membru kif ukoll jekk miftiehem f'kuntratt, bħala obbligu ta' servizz pubbliku fis-sens tal-Artikolu 73 għandu jkun is-sustanza tas-servizz, u mhux il-forma li fiha jkun organizzat ([15]).

([15]) B'mod simili, l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/842/KE tat-28 ta' Novembru 2005 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 86 (2) tat-Trattat tal-KE għall-għajnuna tal-Istat fil-forma ta' kumpens pubbliku mogħti lil ċerti impriżi fdati bl-operat ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (ĠU L 312, 29.11.2005, p. 67), jirrikorri għall-kunċett ta' "att ta' entrustment", li l-forma tiegħu titħalla f'idejn l-Istati Membri sabiex jiddeterminawha. Ara wkoll ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar is-servizzi tat-trasport pubbliku tal-passiġġieri permezz ta-ferrovija u tat-triq u r-Regolamenti tal-Kunsill li jirrevokaw (KEE) Nru 1191/69 u (KEE) Nru 1107/70 (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 1).

(104) Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Kummissjoni tikkonkludi li minn lat legali, ma hemmx raġuni għaliex għajnuna tal-Istat inerenti fil-prezz imħallas għal kuntratt ta' servizz pubbliku ma setgħetx tkun kumpatibbli mas-suq komuni skont l-Artikolu 73. Il-Kummissjoni tinnota li din is-soluzzjoni ntgħażlet mill-koleġiżlaturi fir-Regolament (KE) Nru 1370/2007. Skont l-Artikolu 12 tiegħu, dan ir-regolament madankollu ser jidħol fis-seħħ biss fit-3 ta' Diċembru 2009. Minħabba li l-kuntratti attwali ġew iffirmati qabel din id-data, ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 mhuwiex għalhekk applikabbli għalihom.

(105) Minħabba li l-Artikolu 14 tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69 ma fih l-ebda kundizzjoni preċiża li tiddikjara għajnuna tal-Istat inerenti fil-prezz imħallas għal kuntratt ta' servizz pubbliku kompatibbli mas-suq komuni, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-prinċipji ġenerali meħudin mit-Trattat, il-ġurisprudenza tal-qrati Komunitarji u l-prattika tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni f'oqsma oħra minbarra t-trasport pubbliku għandhom jiġu applikati fid-deċiżjoni dwar jekk tali għajnuna tal-Istat tistax tkun iddikjarata kompatibbli mas-suq komuni ([16]).

(106) Dawn il-prinċipji ġew imfakkra mill-Kummissjoni b'mod ġenerali fil-qafas Komunitarju għall-għajnuna tal-Istat fil-forma ta' obbligi ta' servizz pubbliku ([17]). Fir-rigward tal-kompatibbiltà tal-għajnuna tal-Istat inerenti fil-prezz imħallas għal kuntratt ta' servizz pubbliku, dan il-qafas Komunitarju jipprevedi dan li ġej fil-punt 14: "L-ammont ta' kumpens ma għandux jaqbeż dak li hu meħtieġ biex jiġu koperti l-ispejjeż imġarrba fil-qadi tal-obbligi tas-servizz pubbliku, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-irċevuti rilevanti u l-qligħ raġonevoli għall-qadi ta' dawn l-obbligi. L-ammont ta' kumpens jinkludi l-vantaġġi kollha mogħtija mill-Istat jew minn riżorsi tal-Istat fi kwalunkwe forma".

(107) Il-Kummissjoni tinnota li permezz tal-pre-stabbiliment fil-proċedura tal-għażla, kif deskritt fil-premessi 12 sa 20, li l-prezz li l-awtoritajiet kienu lesti li jħallsu ma kienx ta' aktar minn CZK 26 għal kull km, u sussegwentement permezz tal-applikazzjoni ta' dan il-parametru u ż-żieda ta' spejjeż mhux prevedibbli sabiex jiġi kkalkulat id-dħul tal-ġarriera, l-awtoritajiet tan-Nofsinhar tal-Moravja żguraw li l-kumpens ma setax jaqbeż l-ispejjeż imġarrba mill-operaturi.

(108) Il-Kummissjoni tinnota li għalkemm l-Ilmentatur ikkuntesta l-parametru għall-kalkolu tal-kumpens, ma ġab l-ebda element li juri li l-kumpens seta' jaqbeż l-ispejjeż imġarrba mill-operaturi. Għall-kuntrarju ta' dan, l-Ilmentatur argumenta li l-ammont ikkunsidrat kien pjuttost parti mill-istima esperta preliminari skont liema, it-telf li tista' tingħata prova tiegħu għandu jkun ikkumpensat lill-ġarrier u anzi għandu jkun stabbilit fuq livell ogħla.

(109) Barra minn hekk, fir-rigward ta' servizzi pprovduti fir-Reġjun tan-Nofsinhar tal-Moravja, il-Kummissjoni tinnota li, minbarra l-kumpensi mill-awtoritajiet reġjonali, l-operaturi ma rċevew l-ebda vantaġġ mill-Istat jew minn riżorsi tal-Istat fil-perijodu ta' bejn l-2004-2005.

(110) Għaldaqstant, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-prinċipji ġenerali li jirregolaw il-valutazzjoni tal-kompatibbiltà tal-għajnuna, kif deskritti hawn fuq, huma ssodisfati f'dan il-każ.

(111) B'konsegwenza ta' dan, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-għajnuna hija kompatibbli mal-Artikolu 73 tat-Trattat.

## 7. **KONKLUŻJONI**

(112) Fid-dawl tal-valutazzjoni legali, il-Kummissjoni jidhrilha li r-Repubblika Ċeka aġixxiet bi ksur tal-Artikolu 88(3) tat-Trattat tal-KE, u għalhekk tat għajnuna illegali skont l-iskema ta' għajnuna inkwistjoni.

(113) Il-Kummissjoni tqis li l-għajnuna mogħtija lil Bítešská, BK Bus, Břežanská společnost, PSOTA, TREDOS permezz tal-kuntratti ta' servizz pubbliku għat-trasport bit-triq fin-Nofsinhar tal-Moravja hija kompatibbli mal-Artikolu 73 tat-Trattat,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

L-għajnuna tal-Istat li r-Repubblika Ċeka implimentat permezz tal-kuntratti ta' servizz pubbliku għat-trasport bit-triq fin-Nofsinhar tal-Moravja ma' Bítešská dopravní společnost spol. s r.o., BK BUS s.r.o., Břežanská dopravní společnost s.r.o., Znojemská dopravní společnost – PSOTA, s.r.o. and TREDOS, spol. s r.o. hija kompatibbli mas-suq komuni.

([16]) Ara d-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni: C 16/07 – L-Awstrija – Appoġġ uffiċjali għal *Postbus* fid-distrett ta' *Lienz*, C 31/07 – l-Irlanda – Għajnuna tal-Istat lil Córas Iompair Éireann Bus Companies (Dublin Bus u Irish Bus); C 47/07 – il-Ġermanja – DB Regio AG – Kuntratt ta' servizz pubbliku; C 41/08 – id-Danimarka – Kuntratt ta' servizz pubbliku bejn il-Ministeru tat-Trasport u Danske Statsbaner.

([17]) ĠU C 297, 29.11.2005, p. 4.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Ċeka.

Magħmula fi Brussell, 26 ta' Novembru 2008.

*Għall-Kummissjoni*
Antonio TAJANI
*Viċi-President*

III

*(Atti adottati skont it-Trattat tal-UE)*

# ATTI ADOTTATI SKONT IT-TITOLU VI TAT-TRATTAT TAL-UE

**Dikjarazzjoni għall-finijiet tal-Artikolu 8(3) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI tas-26 ta' Frar 2009 li temenda d-Deċiżjonijiet Qafas 2002/584/ĠAI, 2005/214/ĠAI, 2006/783/ĠAI, 2008/909/ĠAI u 2008/947/ĠAI, u b'hekk issaħħaħ id-drittijiet proċedurali ta' persuni u trawwem l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku fir-rigward ta' deċiżjonijiet mogħtija fl-assenza mill-kawża tal-persuna konċernata**

"L-Italja b'dan tiddikjara li tixtieq tagħmel użu mill-opportunità offruta mill-Artikolu 8(3) tad-Deċiżjoni Qafas 2009/299/ĠAI ([1]). Konsegwentement, id-Deċiżjoni Qafas għandha tapplika l-aktar tard mill-1 ta' Jannar 2014 għar-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet mogħtija fl-assenza tal-persuna konċernata, waqt il-proċess mill-awtoritajiet kompetenti Taljani."

---

([1]) ĠU L 81, 27.3.2009, p. 24.

## CORRIGENDUM

**Rettifika għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 261/2008 tas-17 ta' Marzu 2008 li jimponi dazju *antidumping* definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti kompressuri li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 81 tal-20 ta' Marzu 2008)*

F'paġna 2, premessa 13, l-ewwel inċiż tal-punt (b) F'paġna 6, premessa 54, l-ewwel kolonna, il-ħames entrata tat-tabella F'paġna 18, premessa 140, l-ewwel kolonna, il-ħames entrata tat-tabella F'paġna 19, l-Artikolu 1(2), il-kolonna "Il-kumpannija", il-ħames entrata tat-tabella

*Flok:* "Nu Air (Shanghai) Compressor and Tools Co. Ltd …"

*Aqra:* "Nu Air (Shanghai) Compressors and Tools Co. Ltd ..."

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2009 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 000 EUR fis-sena (*) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 100 EUR fix-xahar (*) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 200 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 700 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 70 EUR fix-xahar |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 400 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 40 EUR fix-xahar |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 500 EUR fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | 360 EUR fis-sena (= 30 EUR fix-xahar) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | 50 EUR fis-sena |

| | | |
|---|---|---|
| (*) Il-prezz kull kopja: | bi 32 paġna: | 6 EUR |
| | minn 33 sa 64 paġna: | 12 EUR |
| | aktar minn 64 paġna: | Prezz fiss għal kull każ |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (Serje S – Appalti u Swieq Pubbliċi) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Il-pubblikazzjonijiet bil-flus editjati mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġjiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
Publications.europa.eu

L-UFFIĊĊJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET UFFIĊJALI GĦALL-KOMUNITAJIET EWROPEJ
L-2985 IL-LUSSEMBURGU

MT